# Lorenzo Gafa'
# *Genju Malti fl-Arkitettura Barokka*

*Kitba tal-Perit Ruben Abela*

### *L-arkitettura Barokka*

Meta wiehed jisma' bil-kelma barokk, il-hsieb malghajr jaqa' fuq angli u putti jtiru go shab skolpit idawru xi inkwatru kbir jew izejnu xi saqaf ta' xi palazz. Xi hadd iehor l-imaginazzjoni tista' tiehdu f'siltiet muzikali fejn il-kuntrabaxx, il-vjolin u il-vjolincell jitwahhdu ma' strumenti tar-ramm u ta' l-injam biex f'orkestra shiha jsemmawlna il-muzika qawwija tas-seklu tmintax. Ohrajn li toghgobhom l-arti figurattiva, jew ahjar l-iskultura, jahsbu fil-figura immuskulata tal-persuna umana hekk kif skolpita mill-aqwa skulturi tas-seklu sbatax u tmintax. Dawk li jhobbu is-safar jiftakru f'Ruma, Sqallija u sahansitra fl-Awstrija u Franza.

Ghal dawk li ma huma delittanti ta' l-ebda haga li semmejt hawn fuq, il-kelma barokk jista' jkun li tfakkarhom f'xi haga li jaraw kulljum - il-knejjes Maltin. Jew ghalina iz-Zwieten il-knisja il-kbira, il-parrocca ta' Santa Katarina. F'din il-knisja l-istil barokk fl-arkitettura intuza b'mod meqjus hafna mill-arkitett li fassalha. Dan l-arkitett ha vantagg mill-pozizzjoni tal-knisja biex kompla kabbar il-importanza tal-progett tieghu1. L-arkitett ma kien hadd hlief Lorenzo Gafa'.

### *Lorenzo Gafa' - Wiehed mill-aqwa arkitetti fl-era Barokka*

Lorenzo Gafa' jitqies minn bosta studjuzi tal-arkitettura Maltija bhala wiehed mill-aqwa periti tal-era barokka, b'mod partikulari fl-ahhar tas-seklu sbatax. Lorenzo kien hu l-bravu skultur Melchiorre Gafa'. Hu ghex bejn l-1630 u l-17102.

Il-Kunsill ta' l-Ordni ta' San Gwann, tant irrikonexxew it-talent ta' dan il-perit Malti li sahansitra bghatuh gewwa Ruma biex ikompli jizviluppa it-talent u l-arti3. Mhux maghruf ezatt iz-zmien li fih Gafa' mar jistudja Ruma, izda huwa zgur li influwenza ruhu bil-bosta mix-xoghol li kien ra f'din il-belt Taljana. Fil-fatt mar-ritorn tieghu minn Ruma id-disinji tieghu jidhru li kienu inspirati sew mill-Barokk Ruman, b'mod specjali mill-istil kif imhaddem mill-arkitett Taljan Borromini. Kritici tal-arkitettura jsostnu li l-koppli li ddisinja Gafa', b'mod specjali dawk fejn ghamel uzu minn pilastri u xwiek doppji, huma inspirati sew mill-kopla ta' Santa Angese fi Piazza Navona.4 Il-koppla tal-knisja taz-Zejtun, anzi biex inkunu aktar precizi, il-bazi tal-koppla, ghaliex l-iskutella u l-lanterna m'humiex ta' Gafa', hija wahda minn dawn li setghat giet inspirata mill-koppla ta' Ruma. Ix-xoghol ta' Gafa' jixhed li kien ukoll studja l-iskultura minhabba fil-kapacita' li kellu kif jimmudella il-koppli.

### *Hidmet Gafa' fiz-Zejtun*

Bhal kull artist iehor, Gafa' wkoll ghandu il-kapolavur tieghu. Minghajr ebda ftahir zejjed, ikollna nghidu li dan il-kapolavur huwa fil-fatt il-knisja taz-Zejtun. Kif espremejt aktar qabel Gafa' haddem l-istil barokk fl-aqwa tieghu. B'faccata thares lejn il-Bic, Gafa ghamel l-isbah uzu mill-effetti tad-dawl. Bhal ma fl-arti Barokka, Caravaggio ghamel uzu tajjeb hafna mill-chiaro scuro, l-istess ghamel Gafa' fil-faccata tal-knisja taz-Zejtun. Id-dawl u d-dell jitbewsu qishom noti muzikali mar-ritmu ta' pilastri, kontropilastri, gwarnici u gwarnicuni. Minghajr ma jdahhal l-anqas kurva wahda, il-faccata tal-knisja tidher titmewweg taht id-dawl tax-xemx5. Bl-uzu meqjus tal-ordnijiet ta' l-arkitettura, id-doriku fl-ewwel parti, il-ioniku fit-tieni saff u il-kompost fil-kampnari, Gafa''holoq kompozizzjoni mill-aqwa u bi proporzjonijiet li taw il-majjesta li jixraq ghal bini li jokkupa l-ghola parti taz-Zejtun.

Xoghol iehor ta' Gafa' fiz-Zejtun hija il-knisja ta' L-Ispirtu s-Santu li insibu fi Triq Santa Katarina. Originarjament il-faccata ta' din il-knisja ma' kienetx fuq in-naha li nafu illum ghalix din il-kappella iddawret sa biex ikolla il-faccata fuq Triq Santa Katarina. Is-sbuhija ta' din il-knisja barokka jinsab fis-semplicita' arkitettonika taghha.

### *Aktar xoghol ta' Gafa'*

Ghalkemm il-knisja parrokkjali taz-Zejtun hija meqjusa bhala l-aqwa xoghol tieghu, dan bl-ebda mod m'ghandu jnaqqas mill-valur arkitettoniku tax-xogholijiet l-ohra tieghu. Xogholijiet li m'humiex zghar fin-numru u lanqas fl-importanza taghhom. Fost dawn ix-xogholijiet hemm il-Katidral ta' San Pawl fl-Imdina. Dan kien inbena wara li fit-terremot ta' l-1693 inqered il-katidral ta' qablu li kien mibni fi stil medjovali. It-tfassil ta' pjanti ghal katidral gdid kienu saru sa minn ghaxar snin qabel dan it-terremot, sahansitra wkoll kien sar mudell ta' l-injam. Qabel l-1693, precizament fl-1682, Gafa' kien bena kor gdid fil-katidral medjovali.

Knisja ohra importanti li iddisinja Gafa' hija dik ta' San Lawrenz fil-Birgu. Xoghol li gie ikkummissjonat lilu fl-16816. Go l-Birgu wkoll, Gafa' kien responsabli ghall-bini tal-Knisja ta' Santa Skolastika li l-ewwel gebla taghha tqieghedet fis-7 ta' Mejju 1679.7

Il-knisja ta' San Nikola fis-Siggiewi hija wkoll xoghol ta' Lorenzo Gafa', ghalkemm wara sarulha zidiet minn Nicola Zammit. Ix-xoghol fuq din il-knisja inbeda fl-16768. Gafa' kien ukoll kompla ix-xoghol tal-bini tal-knisja ta' San Pawl fir-Rabat, dan wara li l-arkitett li kien beda x-xoghol fuqha, Francesco Buonamici halla Malta fl-16599. Knisja sabiha ohra, li hija wkoll xoghol Lorenzo Gafa', hija dik ta' Santa Marija fil-Qrendi. Ix-xoghol fuqha sar bejn l-1685 u l-171210. Hawnekk Gafa' ressaq il-kampnari lura mill-faccata, hekk kif jidher li kien il-hsieb originali fil-knisja taz-Zejtun.

Gewwa Ghawdex, Gafa' hadem fuq il-Katidral tac-Cittadella. Ix-xoghol hawnekk beda fl-169711. Dawn huma biss uhud mix-xogholijiet ta' Gafa'. Ghalkemm inqis li huma fost l-aqwa, dan ma jfissirx li x-xogholijiet ohrajn ma ghandhomx valur. Ta' bilhaqq ghandna biex inkunu kburin bl-arti ta' dan l-arkitett Malti.

1 Thake Conrad (1995). Baroque Churches in Malta. P.72.
2 Hughes Quentin (1986). The Building of Malta 1530 - 1795. P.212.
3 ibid
4 Mahoney Leonard (1988), A History of Maltese Architecture - from ancient times up to 1800. P.242
5 Mahoney Leonard (1988), P.243
6 Thake Conrad (1995). P.58.
7 Thake Conrad (1995). P.60
8 Mahoney Leonard (1988), P.233
9 Thake Conrad (1995). P.66.
10 Mahoney Leonard (1988), P.234
11 Mahoney Leonard (1988), P.244